MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 431/2009

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Josef Grech**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu l-Bank of Valletta p.l.c.espona bir-rispett:

1. Illi, in forza ta' bejgħ in Subasta numru 131/2006 miżmum taħt l-Awtorita' ta' Din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 t'April 2008 ġie liberat a favur tas-soċjeta` attriċi l-fond uffiċjalment immarkat bin-numru mija u disgħa u ħamsin 159 (ġja' 165) f'Palm Street, Paola, sovrastanti proprjeta` ta' terzi, inkluża l-arja tiegħu kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Ewro u sitta u disgħin

ċenteżmu (€1.96), kif aħjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u markata Dok. "A";

2. Illi, għalhekk illum il-konvenut qed jokkupa dan il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Illi, l-attur jaf personalment illi saret il-liberazzjoni favur tiegħu tal-fond indikat fid-dokument "A" hawn anness.

4. Illi, l-konvenut ġie interpellat sabiex jiżgombra mill-imsemmi fond u dan permezz ta' Ittra Uffiċjali datata fl-10 ta' Marzu 2009 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u markata Dok. "B", iżda dan baqa' inadempjenti.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta` attriċi li qegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

(1) Tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupa l-fond uffiċjalment immarkat bin-numru mija u disgħa u ħamsin 159 (ġja' 165) f' Palm Street, Paola, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

(2) Tordna illi, in konsegwenza l-istess konvenut fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, jiżgombra mill-fond il-fond uffiċjalment immarkat bin-numru mija u disgħa u ħamsin 159 (ġja' 165) f'Palm Street, Paola u jħalli l-istess immobbli liberu u battal favur is-socjeta` attriċi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata fl-10 ta' Marzu 2009 u bir-riżerva għall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta` attriċi kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta u li jkun preżenti għas-seduta tal-lum.

Semgħet lill-Avukat tal-Bank attur li kkonferma li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess kif kienet meta ġiet intavolata l-kawża.

Illi għalhekk it-talba attriċi tirriżulta u jistħoqqilha li tkun milqugħa.

**Għalhekk din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tal-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------